Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors 55/2008AE

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli bhala mandatarju specjali tal-assenti Elisa Zerman**

**Vs**

**Rebecca Bisazza u permezz ta' nota prezentata fil-5 ta' Marzu 2013 Rolan Golles assuma l-atti tal-kawza f'ismu flok Rebecca Bisazza**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016.

Fit-22 ta' Jannar 2008 l-attur nomine pprezenta kawza ta' jattanza.

B'sentenza tad-29 ta' Mejju 2012 (fol. 143) din il-qorti ddecidiet:

*"1. Fl-ewwel lok tillibera lin-nutar Dr Victor Bisazza mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu t-talbiet attrici ma sarux kontra tieghu u l-ittra ufficjali tat-23 ta' Jannar 2007 li a bazi taghha saret din il-kawza ma gietx prezentata minnu.*
*2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' l-ewwel talba tal-attrici fil-konfront tal-konvenuta Rebecca Bisazza u tiffissa terminu ta' sittin (60) jum mil-lum sabiex taghmel kawza li permezz taghha tressaq il-pretensjoni taghha.*
*3. Tirrizerva li tipprovdi dwar it-tieni talba f'kaz li l-konvenuta tonqos milli taghmel il-kawza fiz-zmien fuq imsemmi.*

*Spejjez gudizzjarji jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali ghajr ghal dawk li jirreferu ghas-sentenzi preliminari li dwarhom diga' hemm decizjoni"*.

Wara dik is-sentenza l-konvenuta pprezentat il-kawza ghall-jedd pretiz minnha (**Rebecca Bisazza vs Elisa Zerman**, Rikors 742/2012AE) u li giet deciza llum u fejn intlaqghu t-talbiet tal-attur. Ghalhekk it-tieni talba giet ezawrita[1].

Kull ma fadal hu l-kap tal-ispejjez. Gialdarba l-kawza dwar il-jedd pretiz giet deciza favur Golles, successur ta' Rebecca Bisazza, l-ispejjez ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur nomine.

---

[1] *"2. Fin-nuqqas timpedixxi ghal dejjem lill-intimata milli tagixxi ghall-pretensjoni fuq imsemmija kontra r-rikorrent fil-kwalita tieghu premessa"*.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi li l-ispejjez tal-kawza, salv dak li diga' nghad fis-sentenza tad-29 ta' Mejju 2012, ghandu jhallashom l-attur nomine**.

Anthony Ellul.

Anthony Ellul.